## Tifkira tas-Sebgħin Anniversarju tal-Ewwel Attakki Fuq Malta

# Attakki mill-Ajru fuq il-Mellieħa matul l-1940

minn Charles Debono

### Introduzzjoni

Din is-sena, eżattament il-11 ta' Ġunju ħabat is-sebgħin anniversarju tal-ewwel attakki fuq Malta. Dan l-artiklu huma kontribwizzjoni biex tfakkar din il-ġrajja tal-Istorja ta' Malta. L-artiklu se jitkellem fuq attakki li saru fuq il-Mellieħa matul l-1940. Hawnhekk se naraw kif intlaqtet il-Mellieħa bil-gwerra fl-istess sena

### Ir-raġuni ghaliex Mussolini ddikjara gwerra

*Il Duce*, Benito Mussolini, d-dittatur Faxxista Taljan kien ilu jtella' u jniżżel jekk u meta jidħol fil-gwerra mal-alleat tiegħu il-Fuhrer Adolf Hitler, id-dittatur Nazista, kontra l-Alleati. Dan minħabba li l-gwerra ħadet zvolta differenti wara li l-Germanja invadiet l-Ewropa tal-Punent, fl-10 ta' Mejju 1940.

Kulħadd kien jaħseb li Franza hija potenza qawwija rigward armata u meta l-forzi Ġermaniżi bdew javvanzaw sew f'dan il-pajjiz, Mussolini ra li kienet opportunità tajba biex ibil subgħajh



Il Duce Benito Mussolini jiddikkjara gwerra kontra l-Ingilterra u Franza fl-10 ta' Ġunju 1940.



Żewġ bumbardiera Taljani Savoia Marchetti SM79 jittajru fil-għoli fuq il-Port il-Kbir matul wieħed mill-ewwel attakki fuq Malta.

ukoll f'dawn ir-rebħiet 'faċli', speċjalment wara l-evakwazzjoni ta' parti sostanzjali tal-Armata Ingliża u forzi Franċiżi u Belġjani minn Dunkirk (Tramuntana ta' Franza) għall-aħħar ta' Mejju u bidu ta' Ġunju 1940. Kienu dawn iċ-ċirkostanzi li wasslu biex Mussolini ddeċieda li jiddikkjara gwerra kontra l-Ingilterra u Franza fis-sitta ta' filgħaxija tal-10 ta' Gunju 1940. Ma għaddewx iktar minn kwazi tlettax –il siegħa li ma bdew l-attakki fuq Malta....



Ajruplani bumbardiera Taljani Savoia Marchetti SM79 waqt titjira biex jattakkaw lil Malta.

### Attakki fuq il-Mellieħa

Wara d-dikjarazzjoni tal-gwerra Malta kienet fuq l-alert u fil-fatt fis-6.55am tfaċċaw fuq Malta l-ewwel ajruplani tar-*Regia Aeronautica* (Il-Qawwa



Tliet Gloster Sea Gladiators fl-ajrudrom ta' Hal Far, probabbilment l-istess tlieta li ġew imlaqqma FAITH, HOPE u CHARITY, li ddeffendew lil Malta fl-ewwel ġranet tal-gwerra.



Ajruplan bombardier Taljan Savoia Marchetti SM79 jtir fil-għoli fuq Malta. Taħtu jidhru s-sħab.

tal-Ajru Taljana) u waddbu l-ewwel bombi fuq il-gżira.[1] Fil-Mellieħa ħadd ma kien jaf li l-Italja kienet għadha kif iddikjarat gwerra fuq l-Alleati, u meta fl-għodwa tal-11 ta' Gunju, beda jinstema' ħsejjes ta' sparrar ta' kanuni ta' kontra l-ajruplani, l-Melleħin ħasbu li kien taħrig ta' sparrar. Kien biss meta bdew gejjin numru sostanzjali ta refugjati mill-inħawi tal-Port il-Kbir, fil-Mellieħa, li n-nies tal-lokal saru jafu li t-Taljani kienu għadhom kif attakkaw lil Malta.[2]

F'dak iż-żmien Alfred Vella kien għadu daqsxejn ta tifel, imma jiftakar sew dan il-jum:

"Fl-ewwel jum ta attakki fuq Malta, jien kont fuq karretun sejjer lejn l-Armier, meta għal xi 7.00am smajna l-isparar tal-kanuni ta' kontra l-ajruplani. Zijuhi kien bumbardier mal-RMA stazzjonat f'Forti Tigne u nannti qalet li dan l-isparar kien gej min-naħa ta' Tigne. F'dak il-jum nannuhi, nannti u z-zija kienu jaħdmu l-għelieqi tagħhom. Is-suldati li kienu stazzjonati f'dawk l-inħawi ma' qalulna xejn u aħna bqajna hemm. Pero għal xis-2.00pm, is-suldati qalulna li kien aħjar li mmorru d-dar, u suldat minnhom qal lil nannti li aħjar ngħaġġlu għax Mussolini kien għadu kif attakka lil Malta. Meta wasalna d-dar sibna konfużjoni sħiħa peress li ħafna kienu qed jippakkjaw dak li jistgħu biex isibu xi refuġġju u oħrajn ma ridux jitilqu minn darhom."[3]

Jumejn wara, fit-13 ta Ġunju, ajruplan bumbardier Taljan Savoia Marchetrti SM79 tas-*60º Squadriglia* sab ħafna sħab fuq Malta u beda jwaddab il-bombi bla ebda direzzjoni minn għoli ta 4500 metri.[4] Sadanittant, is-sirena daqqet l-alarm fl-4.10pm. Ħafna mill-bombi li twaddbu mill-ajruplan Taljan waqgħu viċin tal-Kamp tal-Għadira u fil-baħar.[5] Bidwi li kien fl-għalqa tiegħu fl-inħawi tal-Għadira, ntefa' mal-art malli ra bomba niżla fil-viċinanzi. Meta splodiet il-bomba ndifen ħaj bil-ħamrija, pero baqa ħaj.[6]

Matul l-1940 waqgħu diversi bombi fil-kampanja tal-Mellieħa. Fl-20 ta' Ġunju waqgħu xi bombi fuq il-Qammieħ u ċ-Ċirkewwa, li però ma kienx hemm rapporti ta' feruti jew imwiet.[7] Tliet ijiem wara ġie rrapurtat li twaqqgħu tliet ajruplani bumbardiera fuq Malta, li żewġ bdoti minnhom niżlu bil-paaraxut f'Għajn Tuffieħa.[8] Ħames xhur wara, eżattament fit-23 ta Novembru, kien irrapurtat li waqgħet bomba fuq il-Mellieħa, li pero ma ikkawzatx ħsara.[9]

(Dan l-artiklu huwa silta mill-ktieb tal-awtur li se jigi ippubblikat fi żmien li ġej.)

(L-awtur huwa Storiku u Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, l-Belt Valletta, parti mis-Sezzjoni Marittima u Storja Militari ta' Heritage Malta).

Konklużjoni


**Referenzi**:

1 Vella, *Malta; Blitzed but not beaten*, (Malta, 1985), p 6.
2 Interview with E. Camilleri.
3 Interview with Alfred Vella.
4 J. A. Mizzi (ed), *Malta at War, Vol 1, Issue 8*, (Malta, 2001), p 197.
5 WP, Special Constabulary Air-Raids Report by Joseph Wettinger.
6 G. Ellul Mercer, *Taħt in-nar*, (Malta, 1986), p 7.
7 WP, Special Constabulary Air-Raids Report by Joseph Wettinger.
8 Ellul Mercer, *op cit*, p 33.
9 WP, Special Constabulary Air-Raids Report by Joseph Wettinger.